ŻEBBUĠ

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ**
***Triq il-Knisja – Iż-Żebbuġ***
***Nri. tat-tel.: 21563056/27563056***
***E-mail: zebbug.gozo.lc@gov.mt***

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

## LAQGĦA PUBBLIKA DWAR PROBLEMI TA' PARKEĠĠ FIT-TOROQ TAŻ-ŻEBBUĠ

***Data:*** **It-Tlieta, 28 ta' Ottubru 2014**

***Ħin:*** **Fil-5 ta' filgħaxija**

***Post:*** **Fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ.**

## TRASPORT PUBBLIKU

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ se jkun qed iressaq proposta lil Transport Malta biex l-ewwel servizz miż-Żebbuġ għal Victoria jkun jitlaq fil-5.15 ta' filgħodu biex persuni mill-lokalita` jkunu jistgħu jaqbdu l-vapur li jitlaq mill-Imġarr fis-6.00 ta' filgħodu u dan mingħajr il-bżonn li jużaw it-trasport privat tagħhom. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qed jiġbor tagħrif dwar kemm persuni mill-lokalita` jistgħu jkunu interessata jużaw dan is-servizz. Dawk interessata mitluba jċemplu sas-Sibt 1 ta' Novembru 2014.

## ĠBIR TA' ĦĠIEĠ

Ngħarrfu li mix-xahar ta' Novembru, ser tibda ssir ġabra għall-ħġieġ bieb bieb. Il-ġabra ser tibda ssir kull l-ewwel Ħamis tax-xahar. Dan ifisser li l-ewwel ġabra ser issir fis-6 ta' Novembru 2014. Il-ħġieġ għandu jinħareġ qabel it-8.00 ta' filgħodu, il-ħin li ser tibda l-ġabra. Il-ħġieġ jista' jinħareġ ġo kontenitur tal-kartun. Nitolbu l-koperazzjoni tar-residenti biex dan is-servizz jirnexxi fil-lokalita` tagħna.

## KORS DWAR IL-BINI TA' PRESEPJI

Ser isir kors qasir dwar il-bini ta' presepji bil-ġibs. Il-lezzjonijiet ser jitmexxew mis-Sur David Xuereb. Dawn se jsiru fuq tlett Sibtijiet u jibdew mis-Sibt 1 ta' Novembru 2014 mis-1.00 sat-3.00 ta' wara nofsinhar fil-bini tal-Kunsill Lokali. Dan il-kors se jkun bla ħlas. Dawk interessata mitluba jċemplu l-Kunsill sal-Ħamis 30 ta' Ottubru.

**23 ta' Ottubru 2014** **Nru. 15/2014**